**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 8 ta' April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Antoine Coppola**

**Kump. Nr. 182/2019**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Antoine Coppola** detentur tal-karta tal-identita numru 192684M, gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Dicembru 2018 ghall-habta tal-05:30 ta' filghaxija gewwa r-residenza tieghek numru 65 Marisa Court Flat 5 Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar;

Minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Plamena Kostova f'periklu car, ikkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa, bi ksur tal-Artikoli 221 u 222 tal-Kapitolu 9 u ksur tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Plamena Kostova u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni that dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-8 t' April 2019 (ara *folio* 4) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 8 ta' April 2019 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew il-provi dokumentarji migjuba, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu giet sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta' htija relattiva.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni tal-imputat fi stadju tant bikri tal-proceduri;
2. In-natura serja tar-reat kommess;
3. L-informazzjoni moghtija mis-Psycotherapist Patricia Camilleri;
4. Il-fedina penali nettissima ta` l-imputat;
5. L-fatt li l-imputat jahdem qatiegh u ghal rasu;

**Decide;**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 221 u 222 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta` Malta, fuq ammissjoni tieghu stess, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u **tordna li Antoine Coppola jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal-zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ordni skond l-Artikoli 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta` Plamena Kostova, u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija u ghaz-zamma ta` l-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Antoine Coppola billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Antoine Coppola milli b'xi mod isegwi l-movimenti ta` Plamena Kostova u billi tipprojbixxi lil Antoine Coppola milli jimmolesta lill-persuna msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet mehtiega skond il-Ligi, kif ukoll fissritlu ir-responsabiltajiet tieghu naxxenti bl-ordni ta' protezzjoni imposta.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole*.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur